MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 317/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Johan Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Johan Sultana u persuni ohra talli:

1) F’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur u propjament fix-xahar ta’ Lulju 2000, ikkommettew diversi serq ta’ stereos minn diversi karozzi, liema atti gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Lulju 2000, gewwa Triq il-Gonna Swieqi, ikkommettew serq ta’ stereo u cioe` CD player tal-ghamla Pioneer li jiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni LIZ-256, u dan ghad-dannu ta’ Elizabeth Fenech minn Haz-Zebbug, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni TLC-002, li jiswew aktar minn Lm10 ghad-dannu ta’ Mary Louise Zarb mis-Swieqi jew ta’ terzi persuni liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

4) Minn Triq Santu Wistin, San Giljan, fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ stereo tal-ghamla Pioneer li jiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni EAQ-526, ghad-dannu ta’ Kenneth Aquilina minn tas-Sliema liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

5) Fi Triq Ivo Muscat Azzopardi, Swieqi, fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ stereo tal-ghamla Clarion li jiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, kif ukoll flus kontanti li jammontaw ghal Lm40, u oggetti ohra minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni AAO-257, ghad-dannu ta’ Anthony Vella mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

6) Minn Triq L-Gharbiel, Swieqi, fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ stereo tal-ghamla Pioneer li jiswa aktar minn Lm50, minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni FAE-746, ghad-dannu ta’ Manfred Barbara minn B’Kara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

7) Mid-Dragonara Car Park, San Giljan, fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ stereo tal-ghamla Blaukpunkt li jiswa aktar minn Lm100 izda inqas minn

Lm1000, minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni TFD-878, ghad-dannu ta’ Annalisa Pace minn B’Bugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

8) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw hsara jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, fil-karozzi hawn fuq imsemmija, liema hsarat jiskorru s-somma ta’ Lm500, u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom;

9) Fl-istess zminijiet, data, hin u cirkostanzi, F’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

10) L-istess Johan Sultana jinsab recidiv b’diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll talli kiser l-provediment tal-Artikolu 28A u cioe` kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Johan Sultana hati ta' l-imputazzjonijiet numri wahda sa tmienja u numru ghaxra u kkundannatu ghal tliet snin prigunerija filwaqt illi ma sabitux hati tad-disa’ imputazzjoni u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Johan Sultana pprezentat fis-16 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn illiberatu mill-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, u fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet minn wahda sa tmienja, thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tar-recidiva u tat-twettiq ta’ reat fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza (l-ghaxar imputazzjoni), kif ukoll fil-parti tal-piena, u minflok issibu mhux hati u tilliberah mill-addebitu tar-recidiva u mill-imputazzjoni illi kkommetta reat fil-perijodu

operattiv ta' sentenza sospiza u tinfliggi piena aktar gusta u adattata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ma giex pruvat fil-konfront tieghu la l-addebitu tar-recidiva u lanqas l-imputazzjoni li kkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u ghalhekk ma kellhiex tinsab htija f'dar-rigward; (2) dwar ir-reati odjerni l-appellant gie kkundannat l-istess perijodu ta' prigunerija daqs il-ko-imputat Falzon li hu recidiv; (3) dwar piena l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 337 tal-Kap. 9 u ma kkunsidratx li r-*res furtiva* giet rekuperata fl-intier taghha; (4) minkejja l-ordni li jithejja *pre-sentencing report*, dan baqa' ma gie pprezentat qatt fir-rigward ta' l-appellant; (5) tenut kont tal-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet investigattivi, l-ammissjoni fi stadju bikri, il-fatt li ghamel tajjeb ghall-hsarat kommessi u ghat-trapass taz-zmien, piena karcerarja tkun kontro-produttiva.

Dwar l-ewwel aggravju, jinghad illi fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2001 gie verbalizzat li: "L-imputati kollha qed jammettu l-akkuzi kollha kif dedotti". L-ewwel Qorti fil-fatt sabet lill-appellant hati ta' l-ghaxar imputazzjoni ukoll. Izda waqt it-trattazzjoni li saret fl-20 ta' Lulju 2004 quddiem l-ewwel Qorti gie sottomess mid-difensur ta' l-appellant (Dott. Franco Debono) li effettivament ma kien jirrizulta minn imkien la li l-appellant hu recidiv u lanqas li kien ikkommetta xi reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Effettivament, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-process jirrizulta illi l-ewwel Qorti la kellha fedina penali aggornata quddiemha u lanqas kellha sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni li minnhom setghet tirrizulta r-recidiva u l-fatt li r-reati odjerni gew kommessi fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Difatti fis-sentenza appellata m'hemm l-ebda referenza ghal xi sentenza sospiza fil-konfront ta' l-appellant bhalma hemm fil-konfront tal-ko-

imputat Kevin Falzon. U kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, mill-fedina penali li l-ewwel Qorti kellha ghad-disposizzjoni taghha ma jirrizultawx sentenzi li permezz taghhom l-appellant gie kkundannat ghall-pieni ta' prigunerija, jew ta' sentenza sospiza ta' prigunerija jew ta' multa. Ghalhekk, salv l-ammissjoni ta' l-appellant, ma kienx hemm provi li minnhom setghet tirrizulta l-imsemmija ghaxar imputazzjoni.

Irid fil-fatt jigi osservat illi trid issir distinzjoni bejn sentenzi fejn gew applikati provvedimenti ta' l-allura Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum il-Kap. 446) fejn allura persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-*conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation*[1] u dawk is-sentenzi fejn l-appellant ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija, anke jekk sospiza, jew ghall-piena tal-multa. Fil-kaz ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, persuna tista' titqies bhala recidiva skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 izda mhux ukoll skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9[2] jekk il-perijodu operattiv ikun ghadu ma skadiex.

Issa, mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant li giet esebita f'dan l-istadju ta' l-appell, in effetti, jidher li l-appellant kien gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet xhur sospizi ghal sena permezz ta'

---

1 Ara artikolu 25 tal-Kap. 446.

2 Ara artikolu 28F tal-Kap. 9 li jipprovdi: **"Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta' l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat l-iehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet ta' l-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bidet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura."** L-artikolu 49 tal-Kap. 9 jipprovdi: **"Persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor."** L-artikolu 50 tal-Kap. 9 jipprovdi: "**Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor."**

sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Frar 2000 kif ukoll ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena sospiza ghal sentejn permezz ta' sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Mejju 2000. Dan ifisser fil-prattika illi l-appellant hu recidiv biss skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 u mhux ukoll skond l-artikolu 50, u ghalhekk iz-zieda ta' grad skond dan l-ahhar artikolu mhuwiex applikabbli. Ifisser ukoll illi, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-appellant, irid jigi specifikatament ordnat il-bidu fis-sehh ta' dawn iz-zewg sentenzi.

Kwantu ghall-aggravji l-ohra jinghad illi: Setghet saret insistenza biex jigi pprezentat *pre-sentencing report* quddiem l-ewwel Qorti (wara kollox bejn it-talba biex isir rapport u d-data tat-trattazzjoni tal-kaz ghaddew mhux anqas minn tliet snin u erba' xhur). Ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena, u fil-kaz in ezami l-ammissjoni giet verbalizzata fi stadju inoltrat tal-kawza. Kwantu t-trapass taz-zmien, dan certament mhuwiex tort tal-prosekuzzjoni; difatti wara li giet registrata l-ammissjoni, ittiehed hafna zmien sabiex l-appellant u l-ko-imputati l-ohra jeffettwaw il-pagament tal-kumpens relattiv lill-vittmi.

Fil-kaz in ezami pero` ma jidhirx illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni li ghandu jitqies illi r-reati kommessi skond it-tmien imputazzjoni (hsara volontarja fuq diversi vetturi) servew bhala mezz ghall-fini biex setghu jigu kommessi r-reati dedotti skond it-tieni sas-seba' imputazzjonijiet u ghalhekk ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante cio`, jirrizulta illi l-perijodu ta' prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti xorta kienet taqa' fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena applikabbli hija dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjud bi grad, jigifieri li titla' ghal seba' xhur sa erba' snin, u li ma tinghatax fil-*minimum* taghha (artikolu 278(1)(3) tal-Kap. 9), u liema piena tista', skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9, tizdied bi grad ghal perijodu ta' minn disa' xhur sa hames snin jew zewg gradi ghal perijodu minn tlettax-il xahar sa sitt snin. Pero` din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha b'xi mod tirrifletti l-

imsemmi fattur. Bhalma ghandha b’xi mod tirrifletti wkoll dak provdut fl-artikolu 337 tal-Kap. 9 stante l-hlas tal-kumpens lill-vittmi tar-reati addebitati hawn lill-appellant u l-fatt li l-appellant ma sarx recidiv a tenur ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-appellant Johan Sultana u (1) tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li sar recidiv skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 u tiddikjarah mhux hati ta’ tali imputazzjoni u minnha tilliberah, (2) tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sena u disa’ xhur u inoltre tordna l-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta’ tliet xhur prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta’ Frar 2000 kif ukoll tas-sentenza sospiza ta’ sena prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Mejju 2000, b’kollox ghalhekk tliet snin prigunerija, u (3) tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------